**26 ta' Marzu, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Avukat Dr. Joseph Vella et noe

*versus*

Philip Chircop

**Kompensazzjoni ġudizzjali**

*Il-kompensazzjoni ġudizzjali, skond ġurisprudenza kostanti tagħna, ma għandhiex tiġi faċilment akkolta meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedotta in kompensazzjoni mhix faċili u spedita.*

Il-Qorti:— Rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-atturi "nomine" — wara li ppremettew illi l-konvenut, meta l-kumpanija fuq imsemmija, f'Jannar tal-1959, ħarġet azzjonijiet ġodda, xtara mija u sittin azzjoni, ossia "shares (New Issue)", u mal-applikazzjoni tiegħu hu ħallas is-somma ta' lira u tnax-il xelin (£1.12.0) li tirrappreżenta l-wieħed fil-mija (1%) tax-"shares" minnu akkwistati, bl-obligazzjoni da parti tiegħu li jħallas il-bilanċ tal-prezz "at call", — u li l-konvenut, f'Novembru, 1959, ġie msejjaħ biex iħallas is-somma ta' mija, tmienja u ħamsin lira u tmien xelini (£158.8.0) li tirrappreżenta il-bilanċ ta' 99% ta' l-azzjonijiet minnu akkwistati — u li l-konvenut ġie msejjaħ biex iħallas din is-somma anke uffiċjalment, imma inutilment — talbu illi l-istess konvenut jiġi kkundannat iħallas jew jivversa f'idejn l-atturi "nomine" is-somma ta' mija u tmienja u ħamsin lira u tmien xelini (£158.8.0) fuq imsemmija flimkien ma l-interessi tas-sitta fil-mija (6%) mill-ewwel (1) ta' Diċembru, 1959, sal-versament effettiv sabiex din is-somma isservi għall-akkwist ta' azzjonijiet tiegħu fuq imsemmija. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-tnax (12) ta' April, 1960, u bl-interessi;

Rat id-dokument prodott ma' l-att ta' ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha ssottometta:

Illi hu għandu jieħu mingħand id-ditta attriċi s-somma ta' erba' mija u disgħa u disgħin lira, xelin u disa' soldi (£499.1.9) u għalhekk hemm kawża quddiem din il-Qorti fl-ismijiet invertiti (Ċitazzjoni Nru. 210/61) u, difatti, hu f'dik

il-kawża ddikjara hekk: "L-attur għandu jagħti lid-ditta konvenuta s-somma ta' mija, tmienja u ħamsin lira u tmien xelini (£158.8.0) bilanċ ta' "shares" li hu pront jiddeduċiha mill-ammont li jiġi kanonizzat minn din il-Qorti;"

Illi minħabba dan il-kreditu għalhekk hu ma ħallasx l-ammont mitlub bl-odjerna att ta' ċitazzjoni u billi l-kumpanija kienet u għadha f'diffikultajiet finanzjarji hu ma riedx jippreġudika l-istess kreditu tiegħu.

Omissis;

Tikkunsidra:

Kif ċar jemerġi minn nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, dana jammetti li għandu jagħti lill-kumpanija attriċi s-somma li dina qegħda tirriklama minn għandu; iżda jippretendi li dan il-kreditu ta' l-istess kumpanija kontra tiegħu għandu jiġi, sa l-entranti kwantità, kompensat ma' kreditu li hu għandu kontra l-istess kumpanija. Però, kif jirriżulta mill-istess nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, il-kreditu tiegħu li hu jiddeduċi in kompensazzjoni hu kwistjonabbli tant li jifforma l-meritu ta' kawża pendenti quddiem din il-Qorti. Il-konvenut kwindi ma jinvokax il-kompensazzjoni legali u lanqas il-konvenzjonali; imma dik ġudizzjali, skond ġurisprudenza kostanti tagħna, ma għandix tiġi faċilment akkolta meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedott in kompensazzjoni mhix faċili u spedita kif fil-każ preżenti.

Għaldaqstant:

Respinta l-eċċezzjoni, tiddeċiedi adesivament għall-istanza, bl-ispejjeż.